MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 1003/2011

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glen Borg detentur tal-Karta tal-Identita` numru 281675 (M).

**Akkuzat talli:**

1. fil-25 t'April 2010, gewwa Tas-Sliema, ikkommetta serq minn gewwa vettura numru tar-registrazzjoni JNX 083 tal-ghamla Ford, ta` bank cards, karta tal-Identita` u oggetti ohra, li jippartjenu lil Kevin Naudi, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu tal-imsemmi Kevin Naudi;

2. Bejn il-25 t'April 2010 u l-25 ta` Mejju 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta` somma ta` flus ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta` Kevin Naudi, banek lokali, kumpanija GO, kumpanija Melita u/jew persuni ohra;

b) U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet, u cirkustanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta` oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank njew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe` EPOS transaction slips; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu minnhom;

c) U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet, u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` EPOS transaction slips, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

d) U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet, u cirkustanzi, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom liema oggetti gejjin mir-reat ta` serq;

Finalment qed jigi akkuzat talli renda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` L-Artikoli 261, 271 (g), 18, 308, 309, 310, 167, 169, 183, 184 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta.

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza a tenur tal-Artikolu 392 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti qed tikkonverti ruhha mill-Qorti Struttorja ta` Gudikatura Kriminali, il-Qorti fuq ammissjoni tal-istess imputat qed issibu hati tal-ewwel erba` akkuzi u tilliberah mill-hames wahda stante li din ma tirrizultax. Qed ukoll issibu hati tal-akkuza tar-ricediva migjuba kontrih.

Piena a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tikkundannah terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2), izda tordna illi dan il-perjodu ma jigix servut sakemm fi

zmien tlett (3) snin mil-llum huwa ma jikkommettix reat iehor li mieghu jigi bil-piena ta` prigunerija ukoll.

Din il-Qorti qieghda tikkundannah ihallas l-ammont ta` elf tmien mija tnejn u hamsin ewro (€1,852) lill-kumpanija GO, l-ammont ta` sitt mija tlieta u tmenin ewro u tnax –il centezmu (€683.12) lill-kumpanija Melita u l-ammont ta` elf mija u sittax ewro u disgha u disghin centezmu (€1,116.99) lill-bank HSBC u dan kollu fi zmien ta` sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------